**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 25.10.09: IT-TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA.**

**JUM IL-BIBBJA**

Illum nibdew il-**ħin tax-xitwa**. Il-quddies jibqa kollu fl-istess ħin barra l-quddiesa ta' filgħaxija nhar ta' xogħol li minflok fis-7.00p.m. tibda tkun fis-6.00p.m.

**IT-TLIETA, 27.10.09: Fis-6.30p.m.** Issir l-laqgħa tal-Lectio Divina, li tkun fis-sala tad-Dar Parrokkajli.

**L-ERBGĦA, 28.10.09: FESTA TA' SAN XMUN U SAN ĠUDA APPOSTLI.**

Xieraq li nieħdu sehem fil-quddiesa.

**IL-ĠIMGĦA, 30.10.09: Fis-6.30p.m. LAQGĦA GĦAL DAWK LI SE JIRĊIEVU L-GRIŻMA TA' L-ISQOF.**

Dawk li din is-sena se jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof , illum mhux se jkollhom duttrina fil-klassi tagħhom, imma minflok id-duttrina illum huma mitluba biex jattendu għal-laqgħa li se ssir apposta għalihom, fid-Dar Parrokkjali
Dawn il-kandidati għall-Griżma huma mitluba li jkunu kollha preżenti.

**Fis-6.30p.m.** r-**Ružarju** li qed isir fiz-zoni din il-ġimgħa se jkun ta' Cocco Palmeri. Ikun fil-Pjazza ħdejn il-monument.
Inħeġġu lir-residenti ta' din iz-zona biex jieħdu sehem

**Fis-7.00p.m.** Se ssir **Katekeżi Liturġika** għall-Poplu t'Alla fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu bħala parti mill-Kungress Ewkaristiku Djoċesan Ikun hemm ċelebrazzjoni ta' l-Għasar u riflessjoni minn Mons. Isqof Mario Grech u Katekeżi. Nagħmel appell biex min jista' jiġi jieħu sehem.

**IS-SIBT, 31.10.09:** Fil-5.30p.m. tibda l-**Adorazzjoni** għall-Persuni Kkonsagrati li dan ix-xahar se tkun filk-parroċċa ta' l-Għasri.

**IL-ĦADD, 1.11.09: ILLUM HIJA S-SOLENNITA' TAL-QADDISIN KOLLHA.**

B'din is-solennita' il-Knisja qed tfakkarna fis-sejħa li kull wieħed u waħda minna għandu li jasal għall-qdusija.
Illum jibda x-xahar dedikat lill-Erwieħ tal-Purgatorju..
Matul ix-xahar ta' Novembru jkun hemm quddiesa kuljum fiċ-Ċimiterju.

**Fit-3.30p.m.** nitilqu Pellegrinaġġ lejn iċ-Ċimiterju. X'ħin naslu jkun hemm Konċelebrazzjoni b'suffraġju tal-Mejtin kollha u wara jsir it-tberik ta' l-oqbra

Min jieħu sehem jista jirbaħ l-indulġenza plenarja.

**HIN ĠDID TAL-MUSEUM**

Minn nhar it-Tnejn, il-Ħin tal-Museum se jkun hekk:
Fil-5.00p.m. minn year 4 sa Form 2
Fis-7.00p.m. minn form 3 'l fuq

**INDULĠENZI**:

Min jinvista iċ-ċimiterju bejn l-1 u t-8 ta' Novembru jista jirbaħ l-Indul ġenza Pleanarju

**GĦOTI TAD-DEMM**

Nhar il-Ħadd 25 ta' Ottubru iċ-Ċentru tal-Għoti tad-Demm fl-Isptar Generali se jkun miftuħ mit-8.00a.m. asa 1.00p.m.

**ĠABRA GĦALL-MISSJONI**

Il-ġabra għall-Missjoni kienet is-somma ta' € 2527
Grazzi tal-offerta li għamiltu.

**IKLA FIS-SEMINARJU**

Qed tiġi organizzata ikla b'risq is-Seminarju fl-okkażjoni tal-festa ta' San Martin. Din se tkun fis-seminarju stess nhar is-Sibt 14 ta' Novembru. Biljetti mis-seminarju.

**NIRRINGRAZZJA**

Nixtieq mill-qalb nirringrazzja lil dawk kollha li ħadu sehem fl-organizzazzjoni tar-Ružarju fil-knisja matul ix-xahar ta' Ottubru